# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**G. ZARB ADAMI**

F'dak li diġà għedt, tajt x'wieħed jifhem li l Għaqda tal-Kittieba
tal-Malti mhux mit-twaqqif tagħha fl-14 ta' Novembru, 1920, kienet
ħadet dak l-isem; u hekk kien, għaliex sas-7 ta' Mejju, 1922, meta
għadda mil-Laqgħa Ġenerali l-ewwel statut hi kienet magħrufa bejn
il-ħbieb u l-imseħbin bħala XIRKA FILOLOĠIKA LETTERARJA. In-
fatti, sa dak inhar, jiġifieri Mejju, 1922, hi kellha biss President u
Segretarju, kif ukoll il-Kummissjoni li kellha tieħu ħsieb issawwar l-
alfabet u r-regoli tal-grammatika; u wkoll speċi ta' Sotto-Kumitat biex
iħejji Statut. Il-President, kif ġa rajna, kien il-Kav. Ġużè Muscat Az-
zopardi u s-Segretarju s Sur Franġisk Saverju Caruana.

Fit-tielet Laqgħa Ġenerali, dik tas-7 ta' Mejju, 1922, (fit-tieni Laq-
għa, dik tat-18 ta' Diċembru, 1922 kien tressaq mill-Kummissjoni r-
Rapport tagħha u għadda l-Alfabet) mhux biss l-Għaqda kienet kostit-
wita skond Statut, iżda ħatret l ewwel Kumitat li Jien ukoll ġa sem-
mejt qabel.

Mal-ħruġ ta' IL-MALTI, f'Marzu, 1925, bdiet tinħass ix-xewqa li
l-Għaqda tieħu xejra aktar sħiħa, xejra ta' Akkademja kif jixraq lill-
Ilsien għażiż tagħna; dan twettaq fl-Istatut ġdid tas-17 ta' Ottubru,
1926, meta l-Għaqda ħadet l-isem ta' Akkademja ta' l-Ilsien Malti;
iżda billi nstab li fost il-poplu baqa' jseħħ l-isem ta' Għaqda tal-Kit-
tieba tal-Malti u mhux dak ġdid ta' Akkademja ta' l-Ilsien Malti, fil-
laqgħa tal-Kumitat tat-18 ta' Diċembru, 1927, tressqet mozzjoni biex
l-Istatut tal-1926 ikun emendat. Kif ġa rajna qabel, fl-Istatut li għad-
da fil-Laqgħa Ġenerali tal-15 ta' Jannar, 1928, l-Għaqda tal-Kittieba
tal-Malti — it-tieni isem tagħha — kienet "imdaħħla u magħquda
f'Xirka waħda ma' l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti li tibqa' tingħaraf
bl-isem ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

Fl-1942 reġa' sar statut kważi ġdid għal kollox, barra b'dak li
kien il-ħsieb u l-għan — li baqgħu dejjem qatt ma tbiddlu — l-isem
ukoll baqa' l-istess, jiġifieri l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u hekk ix-
Xirka tagħna baqgħet tingħaraf minn kulħadd u għal żmien twil l-al-
fabet, illum uffiċjali u li ħafna jsibuh bl-isem tal-Alfabet tal-Gvern,
in-nies kienu jsejħulu l-Alfabet tal-Għaqda.

Iżda fit-13 ta' Diċembru, 1964, meta reġa' sar Statut ġdid ieħor,
l-isem inbidel f'Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)
bejn wieħed u ieħor għall-istess raġuni ta' 38 sena qabel; dan l-istatut
reġa' kien rivedut fil-21 ta' Mejju, 1967, imma did-darba l-isem baqa'
l-istess.

**(Jissokta)**



# Il-Ballata tad-Disgħa u Wieħed

Lil Ibni Peter.

**J.P. VASSALLO**

Konna għaxra, merħla mniġġża
 Ġo kulħadd innisslu qżież,
Ngħixu f'għar u fuq il-miżbla
 Ħajja kiefra 'l-bogħod min-nies.

Biċċa biċċa konna naqgħu
 U nitmermru msewsin;
L-anqas ħniena magħna kellna,
 Konna nishtu lil xulxin.

Meta x-xemx titla' filgħodu
 Fuq il-miżbla konna nħaffu
Biex l-intiena ta' ġisimna
 Qalb id-demel ftit intaffu.

Sħetna x-xemx u sħetna l-qamar,
 Kienu biss idawlu l-hemm
Il juruna d-dawl tal-ħajja
 Bil-ftit ftit kien qed jintemm.

Kultant lejna kien jaslilna
 Għana ħelu f'żmien id-dris,
Jew fiż-żmien tal-qtugħ ta' l-għeneb
 Meta jferraħ l-għajn bil-pis.

Kien dan l-għana jfakkarni
 Meta darba ħabbejt waħda;
Issa donnu xafra tikwi
 Kien ixoqqli l-qalb biċ-ċaħda.

Minn ġo qalbna issa nqered
 L-aħħar għerq ta' sliem u tama;
Nistennew bla ferħ, bla biża'
 It-tgħanniq tal-mewt mudlama.

Darba waħda — kien filgħodu —
 Smajna għagħa ġej mill-bogħod;
L-arja daħlet ġo qoxritha
 Bdiet ix-xemx donnha tirtogħod.